Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri – Għawdex)

Imħallef Anthony Ellul

Seduta tal-Hamis, 26 ta' Settembru, 2019.

Appell numru: 308/2016

**Corradina Miloro eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem MC Restauri** **(appellata)**

**Vs**

**A.F. Ellis (Home Decor) Limited** **(appellanti)** **u Reġistratur taċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ** **(appellata)**

1. Fis-16 ta' Diċembru, 2016 l-attriċi ħarrket lill-konvenuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) u talbitha:-

    i. tillikwida l-valur tal-arbitraġġ numru 3620/2013 fl-ismijiet Dr Corradina Miloro vs A.F. Ellis (Home Decor) Limited, deċiż fis-7 ta' Novembru, 2014.
    ii. tillikwida l-ispejjeż u drittivjiet dovuti liċ-Ċentru tal-Arbitraġġ, arbitru u lill-avukati tal-partijiet.
    iii. Tiddikjara jekk l-ispejjeż li talab iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ humiex korretti.
    iv. Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta tħallas lill-attriċi l-ispejjeż dovuti għall-arbitraġġ.

2. It-Tribunal tal-Arbitraġġ kien iddeċieda li l-ispejjeż tal-arbitraġġ għandhom jitħallsu minn A.F. Ellis (Home Decor) Limited.

3. B'sentenza tat-8 ta' Marzu 2019 il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) iddeċidiet li ma kellhiex kompetenza sabiex tintaxxa drittijiet u spejjeż relatati mal-imsemmi arbitraġġ u ċaħdet it-talbiet kollha tal-attriċi. Minn dik il-parti tas-sentenza ma sarx appell, u għaldaqstant hi ġudikat.

4. Fil-parti dispożittiva tas-sentenza l-ewwel qorti kompliet tgħid:-

> *"Tordna li d-dokumenti FGF1, FGF2, FGF3 u FG4 li ġew eżibiti fl-atti animo ritirandi jintbagħatu lura lir-Reġistratur taċ-Ċentru tal-Arbitraġġ Dr Fiona Galea Farrugia sabiex tipproċedi biex terġa toħroġ it-taxxa tal-ispejjeż u d-drittijiet fl-arbitraġġ bejn il-partijiet bin-numru I.3620/2013 u konsegwentement kull parti tkun tista' tirregola ruħha skont il-liġi dwar l-istess taxxa inkluż il-kontestazzjoni tal-istess jekk ikun il-każ skont il-liġi".*

5. Permezz ta' rikors preżentat fit-28 ta' Marzu, 2019 il-kumpannija konvenuta appellat mis-sentenza tal-ewwel qorti bl-aggravji jkunu:-

   i. L-ewwel qorti għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-liġi. L-artikolu 40 tal-Att dwar l-Arbitraġġ (Kap. 387) jipprovdi li t-Tribunal tal-Arbitraġġ jintaxxa l-ispejjeż u drittijiet tal-arbitraġġ. Kompliet tgħid li kien proprju għalhekk li talbet għal-lodo addizzjonali u ladarba ma ġewx likwidati d-drittijiet u l-ispejjeż, il-kwistjoni hi llum *res judicata* u ma tistax titqajjem mill-ġdid.
   ii. L-ewwel qorti ddeċidiet *extra petita* u *ultra vires* meta ddeċidiet li ċ-Ċentru tal-Arbitraġġ għandu jintaxxa mill-ġdid id-drittijiet u l-ispejjeż tal-arbitraġġ. Hawn il-kumpannija appellanti reġgħet sostniet li t-taxxa tad-drittijiet u spejjeż kellha ssir mit-Tribunal tal-Arbitraġġ skont l-artikolu 50 tal-Kap. 387 u l-ebda ordni m'għandha jedd tagħti ordni li ma tkunx konformi mal-liġi.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

6. F'dan il-każ fil-parti dispożittiva tas-sentenza l-ewwel qorti ddeċidiet liema kienet l-awtorita' li kellha tintaxxa l-ispejjeż tal-arbitraġġ, mingħajr ma kien hemm bżonn. Il-konvenuta stess kompliet tħabbel il-kobba billi tinsisti u

tagħmel il-każ tagħha għalfejn it-taxxa kellha ssir mit-Tribunal tal-Arbitraġġ u mhux miċ-Ċentru tal-Arbitraġġ. Pero' dak li kien rilevanti għall-finijiet ta' kompetenza kien jekk il-qorti setgħetx tiddeċiedi dwar it-talbiet tal-attriċi u xejn iktar.

7. Hu veru li l-kumpannija konvenuta kienet qegħdha ssostni li l-ewwel qorti m'għandhiex kompetenza għaliex it-taxxa ta' drittijiet u spejjeż kellha tinħareġ mit-Tribunal tal-Arbitraġġ (ara 3 eċċezzjoni a fol. 39). Pero' fil-fehma tal-qorti kulma kellha tagħmel l-ewwel qorti kien li tiddeċiedi kellhiex il-kompetenza li tiddeċiedi t-talbiet tal-attriċi. Ġialadarba kkonkludiet li ma kellhiex il-kompetenza sabiex tillikwida l-ispejjeż tal-arbitraġġ, kellha tieqaf hemm. Imbagħad jaraw il-partijiet kif għandhom jipproċedu. Mhemmx dubju li l-ewwel qorti kellha l-ħsieb li tagħti direzzjoni fis-sens li riedet issib soluzzjoni fir-rigward ta' min kellu jintaxxa l-ispejjeż tal-arbitraġġ, u kif qalet l-istess qorti sabiex il-partijiet ma jibqgħux *'fil-limbu'*. B'hekk iddeċidiet jekk it-taxxa kellhiex issir miċ-Ċentru tal-Arbitraġġ jew mit-Tribunal tal-Arbitraġġ. Pero' bl-ordni li tat fil-parti dispożittiva tas-sentenza ġiet li ddeċidiet dwar ħaġa li ma ntalbitx mill-attriċi.

8. L-ewwel qorti ddeċidiet li l-ispejjeż u drittijiet kellhom jiġu ntaxxati miċ-Ċentru tal-Arbitraġġ, u saħansitra tat ir-raġunijiet għalfejn. Kien proprju għalhekk li ordnat li d-dokumenti li jissemmew fil-parti dispożittiva tas-sentenza jintbagħatu lura liċ-Ċentru tal-Arbitraġġ. Dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel qorti tista' tinftiehem biss li l-ewwel qorti ordnat liċ-Ċentru tal-Arbitraġġ sabiex jerġa' jintaxxa l-ispejjeż tal-arbitraġġ. Dan hu evidenti wkoll mill-aħħar paragrafu ta' paġna 24 tas-sentenza tal-ewwel qorti li taqra:-

> ***"Illi in vista tal-konkluzzjonijiet suesposti din il-Qorti ma tqisx li hija legalment kompetenti la li tiddeciedi hi stess l-ispejjez dwar l-arbitragg in kwistjoni w'lanqas li b'xi mod tirrevedi jew tikkonferma l-istess taxxa***. *Stante li konsegwenza tal-agir tar-Registratur tac-Centru tal-Arbitragg illum il-gurnata l-partijiet jinsabu f'limbu dwar l-ispejjez stante li t-taxxa giet irtirata mic-Centru tal-Arbitragg konsegwenza tal-insistenza tas-socjeta' intimata,* ***l-istess Centru ghandu jipprocedi sabiex jerga' johrog it-taxxa tad-drittjiet u spejjez relatati mal-arbitragg in kwistjoni kif fil-fatt gie legalment delegat li jaghmel fit-termini tal- artikolu 50 u***

> ***51 tal-Kap. 387 u l-ligi sussidjarja 397.01.***[1] *Konsegwentement min mill-partijiet iqis li ghandu raguni sabiex jikkontesta l-istess drittijiet u spejjez ghandu jaghmel uzu mir-rimedju li tipprovdi l-ligi u jikkontesta l-istess drittijiet u spejjez fosthom id- decizjoni li dan jigi ntaxxat bhala arbitragg internazzjonali u mhux fuq punt ta' ligi quddiem is-Sotto-Kumitat dwar l-Ispejjez, mhux quddiem il-Qorti tal-Appell kif sostniet is-socjeta' intimata u wisq anqas quddiem din il-Qorti".*

9. L-ewwel qorti kellha kull dritt li tagħmel il-konsiderazzjonijiet li dehrilha li kellha tagħmel sabiex tasal għad-deċiżjoni li ma kellhiex kompetenza. Pero' ma kellhiex jedd li fil-parti dispożittiva tas-sentenza tiddeċiedi liema awtorita' kellha tintaxxa l-ispejjeż tal-arbitraġġ, meta fir-rikors promotur ma kienx hemm talba f'dak is-sens.

10. Fl-aħħarnett il-qorti tosserva li fit-tweġiba li ppreżentat l-attriċi fis-16 ta' April, 2019 ma ntqal xejn li jista' jikkonvinċi lil din il-qorti mod ieħor.

**Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u tvarja s-sentenza appellata u tħassar dik il-parti tas-sentenza li taqra:-**

> ***"Tordna li d-dokumenti FGF1, FGF2, FGF3 u FG4 li ġew eżibiti fl-atti animo ritirandi jintbagħatu lura lir-Reġistratur taċ-Ċentru tal-Arbitraġġ Dr Fiona Galea Farrugia sabiex tipproċedi biex terġa toħroġ it-taxxa tal-ispejjeż u d-drittijiet fl-arbitraġġ bejn il-partijiet bin-numru I.3620/2013 u konsegwentement kull parti tkun tista' tirregola ruħha skont il-liġi dwar l-istess taxxa inkluż il-kontestazzjoni tal-istess jekk ikun il-każ skont il-liġi".***

**Spejjeż tal-appell jibqgħu bla taxxa ġialadarba ħadd mill-partijiet m'għandu ħtija għall-iżball tal-ewwel qorti. L-ispejjeż tal-ewwel stadju jibqgħu kif iddeċidiet l-ewwel qorti.**

(ft.) Anthony Ellul
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

[1] Enfażi tal-Qorti tal-Appell.